# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 13 ta’ Mejju, 2021**

**Kawża Nru. 22**

**Rik. Nru. 880/14JRM**

Tabib Dottor Jeffrey **DALLI**

vs

**KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU**; Ministru għall-Enerġija u Saħħa; Suprintendent tas-Saħħa Pubblika; Direttur (Prattiki tar-Riżorsi Umani (Saħħa) għas-Segretarju Permanenti għall-Ministeru għall-Enerġija u Saħħa; Direttur (Immaniġġar tar-Riżorsi Umani) għas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta` Soċjali

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-8 ta’ Ottubru, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li l-ħatra magħmula mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (minn issa ’l hemm imsejħa “il-Kummissjoni”) ta’ “*Higher Specialist Trainee*” fl-ispeċjalita` tal-kirurġija plastika wara s-sejħa għal applikazzjonijiet magħmula fil-ħarġa tal-

Gażżetta tal-Gvern numru 19147 tal-4 ta' Ottubru, 2013, ma tiswiex u saret lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi ("*ultra vires*") għaliex imsejsa fuq kriterji mhux mistħoqqa u bi ksur tal-liġi; (b) issib li fl-għażla li l-Kummissjoni mħarrka għamlet għal "*Higher Specialist Trainee Plastic Surgery*" fid-Dipartiment tal-Kirurġija fl-Isptar Mater Dei, ma messhiex tat marki lil dawk li applikaw għal xi kwalifiki li kienu mitluba minn kull min seta' japplika, iżda messha tat marki għad-differenzi fl-i*status* akkademiku tal-kandidati u dan għall-finijiet tal-*Public Administration Act* u tal-*Public Service Management Code*; (ċ) issib li huwa kien l-aktar kandidat kwalifikat minn fost dawk kollha li wieġbu għas-sejħa fuq imsemmija, u dan bis-saħħa tal-fatt li huwa għandu kwalifika b'*Masters Degree* b'distinzjoni mill-Universita` ta' Edinburgu, fir-Renju Unit, b'riċerka fil-kirurġija plastika minbarra li kellu esperjenza medika f'dak il-qasam wisq aktar milli kellhom il-kandidati l-oħrajn; (d) tħassar u tikkanċella r-riżultat ippubblikat mill-Kummissjoni mħarrka fit-12 ta' Diċembru, 2013, dwar il-ħatriet ta' "*Higher Specialist Trainee Plastic Surgery*" wara s-sejħa pubblika fuq imsemmija u dan ladarba l-għażla ma kenitx imsejsa fuq kriterji mistħoqqa, kienet abbużiva, kontra l-liġi u bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali; (e) issib lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, responsabbli għad-danni kollha li huwa ġarrab, konsistenti f'telf ta' paga, emolumenti, *bonus* u drittijiet oħra, stabiliti fis-sejħa għall-applikazzjonijiet tal-4 ta' Ottubru, 2013, u dan b'seħħ minn dakinhar li nħatru l-kandidati l-oħrajn fid-19 ta' Frar, 2014, sal-jum tal-effettiv impieg tiegħu bħala "*Higher Specialist Trainee*" bl-ispeċjalita` fil-qasam tal-kirurġija plastika; (f) tillikwida d-danni hekk imġarrba minnu, jekk meħtieġ billi tqabbad periti għal dan il-għan; u (ġ) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u żamm sħaħ il-jedd tiegħu għal kull azzjoni oħra lilu spettanti skond il-liġi;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Ministru, Supretendent tas-Saħħa u mid-Diretturi mħarrkin l-oħrajn fis-6 ta' Novembru, 2014, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, (i) qalu li l-ebda wieħed minnhom ma huwa l-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni billi ħadd minnhom ma kellu x'jaqsam mal-proċess tal-għażla mertu tal-kawża, liema proċess tmexxa mill-Kummissjoni mħarrka; (ii) li l-kariġa ta' "Direttur Ġenerali Saħħa Pubblika" ma teżistix; (iii) li l-attur naqas jindika l-bażi tal-azzjoni tiegħu billi l-uniku artikolu li jsemmi (l-Artikolu 21 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika) għadu ma daħalx fis-seħħ. Fil-mertu, qalu li l-proċess tal-għażla kien wieħed ġust, għaldaqstant mhumiex responsabbli għal ebda danni;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Novembru, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari (i) qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet għaliex tressqet wara ż-żmien maħsub fl-Artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) qalet li l-Qorti ma jmisshiex tilqa' it-talbiet tal-attur għaliex ma humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt għaliex bħala Kummissjoni hija mxiet b'mod ekwu u fil-qies tas-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi u għalhekk l-għemil tagħha mhux suġġett għal stħarriġ minn din il-Qorti għall-finijiet tal-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Fil-mertu, ċaħdet li mxiet b'mod mhux ġust, u qalet li l-kriterji mħaddmin minnha f'din is-sejħa u d-deċiżjonijiet meħuda kienu lkoll tajba u kif titlob il-liġi. Qalet li, għalhekk, ma kellha tħallas l-ebda kumpens għal xi danni lill-attur;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-22 ta' April, 2015[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissjoni u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin l-oħrajn u sabet li l-azzjoni kienet tressqet fiż-żmien li titlob il-liġi;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2015[2], li bih ħatret lill-Avukat Dolores Gauċi bħala Assistant Ġudizzjarju sabiex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Awwissu, 2015[3], li bih laqgħet it-Talba tal-attur tat-30 ta' Ġunju, 2015[4], sabiex jiġu prodotti dokumenti u korrispondenza marbuta mal-proċess tal-għażla;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2015[5], li bih ċaħdet it-Talba tal-Kummissjoni mħarrka tal-10 ta' Awwissu, 2015[6], għat-tħassir tad-degriet tagħha tas-6 ta' Awwissu, 2015, u sabiex terġa' tqis it-talba mill-ġdid;

Rat il-verbal tal-Assistant Ġudizzjarju tal-25 ta' Mejju, 2016[7], li bih il-partijiet qablu li s-Sottomissjonijiet quddiem il-Qorti jsiru bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur tad-29 ta' Lulju, 2016[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissjoni mħarrka tas-6 ta' Settembru, 2016[9], bi tweġiba għal dik attriċi;

---

[1] Paġġ. 65 sa 74 tal-proċess
[2] Paġ. 131 tal-proċess
[3] Paġ. 431 tal-proċess
[4] Paġġ. 417 sa 419 tal-proċess
[5] Paġ. 470 tal-proċess
[6] Paġġ. 432 u 433 tal-proċess
[7] Paġ. 631 tal-proċess
[8] Paġġ. 636 sa 653 tal-proċess
[9] Paġġ. 654 sa 668 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-Suprintendent imħarrek tat-30 ta' Settembru, 2016[10], bi tweġiba għal dik attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Ministeru u Diretturi mħarrka tat-30 ta' Settembru, 2016[11], bi tweġiba għal dik attriċi;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur huwa tabib kwalifikat bi speċjalizzazzjoni fil-qasam tal-kirurġija plastika. Huwa kien wieġeb għal sejħa pubblika dwar ħatra fil-qasam tal-kirurġija plastika fis-servizz pubbliku imma ma ntgħażilx. Huwa jgħid li l-għażla ma twettqitx sewwa għaliex ma tteħidx qies tal-kwalifiki tiegħu u tal-esperjenza ogħla li huwa kellu fuq dawk li ntgħażlu. Irid li l-Qorti ssib li l-proċess tal-għażla jitħassar u li ssib ukoll li kien hu li kien jistħoqqlu jintgħażel. Qiegħed jitlob ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni;

Illi l-imħarrkin, min-naħa tagħhom, jilqgħu kemm b'eċċezzjonijiet preliminari kif ukoll fil-mertu. Il-Ministru, Suprintendent tas-Saħħa, Segretarju Permanenti u d-Diretturi mħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari qalu li l-ebda wieħed minnhom ma huwa l-kontradittur leġittimu billi ħadd minnhom ma kellu x'jaqsam mal-proċess tal-għażla mertu tal-kawża, liema proċess tmexxa mill-Kummissjoni mħarrka, filwaqt li fil-mertu, qalu li l-proċess tal-għażla kien wieħed ġust. Ċaħdu li kellhom iħallsu xi kumpens għad-danni lill-attur;

Illi l-Kummissjoni laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari qalet li l-azzjoni ma tressqitx fiż-żmien mogħti lill-attur mil-liġi, kif ukoll li l-Qorti ma jmisshiex tilqa' it-talbiet tal-attur għaliex ma humiex mistħoqqa għaliex, bħala Kummissjoni, hija mxiet b'mod ekwu u fil-qies tas-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi, u għalhekk l-għemil tagħha mhux suġġett għal stħarriġ minn din il-Qorti għall-finijiet tal-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Fil-mertu, caħdet li mxiet b'mod mhux ġust, u qalet li l-kriterji mħaddmin u d-deċiżjonijiet meħudin minnha matul il-proċess tal-għażla f'din is-sejħa kienu lkoll tajba. Qalet ukoll li ma kienet taħti għall-ebda danni u għalhekk ma kellha tagħti l-ebda kumpens lill-attur;

[10] Paġġ. 661 sa 668 tal-proċess
[11] Paġġ. 669 sa 677 tal-proċess

Illi permezz ta' sentenza mogħtija fit-22 ta' April, 2015, il-Qorti sabet li l-azzjoni attriċi tresqet fiż-żmien mogħti lill-attur mil-liġi. Din is-sentenza qiegħda tingħata fuq il-kumplament tal-eċċeżżjonjiet preliminari mressqa mill-imħarrkin u dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> joħroġ li f'Ottubru tal-2013 saret sejħa pubblika mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta` Soċjali (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Ministeru") għall-mili ta' postijiet ta' "*Higher Specialist Trainees*" f'bosta oqsma u speċjalizżazzjonijiet, fosthom dik tal-kirurġija plastika. Din is-sejħa dehret fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-4 ta' Ottubru, 2013[12]. Fost ir-rekwiżiti mitluba biex persuna interessata setgħet tapplika għal dan il-post, kien meħtieġ li l-applikant ikun kiseb "*Certificate of Completion of Basic Specialist Training*" (minn issa 'l hemm imsejjaħ "CCBST"). Is-sejħa kienet tgħid ukoll li kienet tingħata kunsiderazzjoni xierqa jekk, minbarra l-CCBST, il-kandidati jkollhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata u prova ta' "*continued medical education*" u riċerka'[13];

Illi f'Novembru, 2013, il-Ministeru mħarrek bagħat jgħarraf lic-Chairman tal-Bord tal-Għażla (aktar il-quddiem imsejjaħ "il-Bord"), il-kriterji li bihom il-Bord kellu jqis l-applikanti interessati f'dan il-post[14]. Min-naħa l-oħra, is-sub-kriterji ta' l-istess ġew stabbiliti mill-Bord[15];

Illi l-attur huwa tabib mediku li speċjalizża fil-qasam tal-kirurġija plastika u jħaddan kwalifiki akkademiċi miksuba kemm f'Malta u kif ukoll barra minn Malta;

Illi għas-sejħa pubblika fuq imsemmija kienu erbgħa (4) t-tobba li ressqu l-applikazzjoni fil-qasam tal-kirurġija plastika, magħdud l-attur. L-erba' applikanti ressqu d-dokumenti mitluba u lkoll qagħdu għal intervista;

Illi fis-6 ta' Diċembru, 2013[16], il-Bord tal-Għażla ħejja r-rapport tiegħu u bagħtu lill-Kummissjoni. Fit-12 ta' Diċembru, 2013, il-Kummissjoni ħarġet ir-riżultat. Dwar il-qasam tal-kirurġija plastika, l-attur ma kienx fost il-magħżulin;

Illi dakinhar stess, l-attur ressaq petizzjoni ta' appell quddiem il-Kummissjoni, kif jitolbu r-regolamenti, u li fiha semma r-raġunijiet għaliex qies li l-għażla dwar il-ħatra fil-qasam tal-kirurġija plastika ma saritx sewwa[17]. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, ressqet l-ilment quddiem il-Bord biex jagħtiha l-

[12] Dok "A", f'paġġ. 7 sa 13 tal-proċess
[13] *Ibid* paġ. 10 sa 11, para. 4.1(iv) u 4.2
[14] Dok."MC", f'paġġ 505 – 6 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda ta' Joseph Briffa f'paġġ. 582 u 588 tal-proċess
[16] Dok "MC", f'paġġ. 490 sa 503 tal-proċess
[17] Dok "B", f'paġġ. 14 – 5 tal-proċess

fehmiet tiegħu. Il-Bord weġibha u l-Kummissjoni qieset t-tweġiba bħala waħda li setgħet toqgħod fuqha[18];

Illi fis-16 ta' Jannar, 2014[19], il-Kummissjoni bagħtet twieġeb lill-attur dwar ilment li huwa ressaq dakinhar stess[20] li, minkejja li kien ressaq il-petizzjoni kontra r-riżultat tal-għażla u talabha żżomm l-għoti tal-ħatriet sakemm tingħata deċiżjoni dwar l-ilment tiegħu, kienu ngħataw il-ħatriet lill-konkorrenti l-oħrajn magħżula u li l-għażla kienet konfermata;

Illi b'ittra li ġġib id-data tal-10 ta' Frar, 2014[21], il-Kummissjoni bagħtet tgħarraf lill-attur li, għar-raġunijiet hemm imfissrin lilu, ma kenitx tqis li kien hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar ir-riżultat u tatu ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn dakinhar biex, jekk jidhirlu li kien hemm xi fatti materjali li setgħu jolqtu l-ilmenti tiegħu, kellu jibgħathomlha għaliex fin-nuqqas ir-riżultat kien jibqa' kif inhu. Jidher li l-attur wieġeb fit-13 ta' Frar, 2014;

Illi fit-28 ta' Frar, 2014[22], il-Kummissjoni għarrfet lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa li kienet approvat l-għażla ta' tnejn minn fost il-konkorrenti għall-mili tal-ħatra ta' *trainees* fil-qasam tal-kirurġija plastika b'seħħ minn dakinhar. L-attur madankollu kien ingħażel bħala "*specialist trainee*" fil-qasam tal-kirurġija in ġenerali u ngħata l-ħatra f'Marzu tal-2014 u aċċettaha[23] għaliex kien mgħarraf li jekk kemm-il darba l-petizzjoni tiegħu tintlaqa' kien ikun hemm bidla u jintbagħat bħala "*specialist trainee*" fil-qasam tal-kirurġija plastika[24];

Illi fil-bidu ta' Marzu tal-2014[25], l-attur qabbad avukat biex jikteb f'ismu lill-Kummissjoni biex jilminta magħha li, minkejja li l-istess Kummissjoni ma kenitx għadha qatgħetha dwar il-petizzjoni tiegħu, kienet awtorizzat il-ħatra li huwa kien applika għaliha;

Illi b'ittra li ġġib id-data tad-9 ta' April, 2014[26], il-Kummissjoni bagħtet tgħarraf lill-attur li ma kienet sabet xejn ġdid mir-rappreżentazzjonijiet imressqa minnu fit-13 ta' Frar, 2014, li jwassluha biex tibdel id-deċiżjoni tagħha tal-10 ta' Frar u għarrfitu li għalhekk ma kellhiex għalfejn tirrevedi r-riżultat maħruġ u li kienet tqis li l-każ tiegħu ngħalaq;

[18] Ara x-xhieda ta' Charles Polidano f'paġ. 410 tal-proċess
[19] Dokti "PSC001" u "CS2", f'paġġ. 42 u 51 tal-proċess
[20] Dok "CS1", f'paġ. 50 tal-proċess
[21] Dok "PSC002", f'paġġ. 43 – 5 tal-proċess
[22] Dok "PSC003", f'paġ. 46 tal-proċess
[23] Xhieda ta' Maureen Mahoney 3.3.2015, f'paġġ. 61 – 2 tal-proċess
[24] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 609 tal-proċess
[25] Dok "CS3", f'paġġ. 52 – 3 tal-proċess
[26] Dok "Ċ", f'paġġ. 16 – 7 tal-proċess

Illi fit-18 ta' Settembru, 2014[27], l-attur ressaq protest ġudizzjarju kontra l-imħarrkin li fih u għar-raġunijiet hemm imfissra talabhom iħassru l-għażla magħmula u jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li ġarrab minħabba li ma ntgħażilx;

Illi l-attur fetaħ il-kawża fit-8 ta' Ottubru, 2014;

Illi din il-Qorti sejra tibda l-konsiderazzjoni legali tal-każ billi l-ewwel tistħarreġ **l-eċċezzjonijiet preliminari** li tqajmu mill-imħarrkin. Dawn l-eċċezzjonijiet huma tnejn: l-ewwel waħda hi li l-Ministru, Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u d-Diretturi ma jmisshomx tħarrku għaliex ma kellhomx x'jaqsmu mal-proċess; it-tieni waħda hi li l-Kummissjoni mxiet b'mod ekwu u fil-qies tas-setgħat mogħtijin lilha mil-liġi u għalhekk l-għemil tagħha mhux suġġett għal stħarriġ minn din il-Qorti għall-finijiet tal-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni;

Illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari jidher li tressqet fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 181B(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll tal-prinċipji marbuta mal-eċċezzjoni ta' min għandu l-leġittimazzjoni passiva f'kawża fejn il-mertu jkun jirrigwarda s-siwi ta' għemil amministrattiv;

Illi l-Qorti tqis li mill-provi mressqa ma ntwera bl-ebda mod li kemm il-Ministru mħarrek u kif ukoll is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u s-Segretarju Permanenti kienu b'xi mod imdaħħla f'xi fażi jew stadju tal-proċess tal-għażla sakemm inħareġ ir-riżultat. Il-Ministru mħarrek, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, u s-Segretarju Permanenti lanqas ma jissemmew b'xi mod fil-premessi tar-Rikors Maħluf li bih infetħet il-kawża. Id-Diretturi mħarrka, min-naħa l-oħra, kellhom rwol limitat: dak marbut mal-għażla tal-Bord, kif ukoll taw rakkomandazzjoni tal-kriterji li kellhom jintużaw mill-Bord waqt l-intervista. Dan kien sehem li huma kellhom qabel beda l-proċess tal-għażla;

Illi l-azzjoni attriċi tirrigwarda l-proċess tal-għażla u mhux x'seta' sar qabel inbeda. Min-naħa l-oħra, il-piż u t-taqsim tas-sub-kriterji li huwa l-qofol tal-mertu ta' dan il-kawża, tħalla f'idejn il-Bord. Fir-Rikors Maħluf, id-Diretturi mħarrka jissemmew biss fir-rigward tal-pubblikazzjoni tas-sejħa u r-rekwiżit mitlub bħala meħtieġa biex kandidati setgħu kienu eliġibbli biex japplikaw;

Illi joħroġ ċar ukoll li l-kwestjoni li l-attur jilmenta minnha hi ndirizzata lejn il-Bord u lejn il-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis lill-Kummissjoni u lill-bord tal-għażla maħtur minnha bħala ħaġa waħda għall-

[27] Dok "D", f'paġġ. 19 sa 22 tal-proċess

finijiet ta' din il-kawża, bil-preċiżazzjoni li l-bord ikollu għarfien aktar tekniku u speċifiku mill-Kummissjoni biex iqis il-kandidati li jkunu wieġbu għas-sejħa. Jirriżulta li l-għażla mwettqa mill-Bord wara li fela d-dokumentazzjoni mibgħuta lilu u stħarreġ lill-konkorrenti fl-intervisti li żamm magħhom, intbgħatet lill-Kummissjoni bħala rakkomandazzjoni li, min-naħa tagħha, qablet magħha, kif ukoll fi stadju ulterjuri tal-appell, qablet mal-ispjegazzjoni mogħtija lilha mill-Bord dwar l-ilment li l-attur ressaq fil-petizzjoni lilha;

Illi l-Qorti ssib li tabilħaqq la l-Ministru, la s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, is-Segretarju Permanenti u lanqas id-Diretturi mħarrka, ma messhom kienu mħarrka f'din il-kawża. L-attur ma ressaq l-ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward kontra din l-eċċezzjoni u qabiżha għal kollox;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin li qajmuha hija tajba u sejra tilqagħha;

Illi, dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Kummissjoni jidher li hija tgħid li ladarba tħoss li mxiet b'mod ekwu u fil-qafas tas-setgħat mogħtija lilha mil-liġi, din il-Qorti ma tistax tistħarreġ il-mod kif hija wettqet u ħaddmet dawk is-setgħat, fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni;

Illi hawnhekk ukoll, l-attur ma ressaq l-ebda sottomissjoni biex jirribatti din l-eċċezzjoni;

Illi huwa stabilit li f'azzjoni bħal din, xogħol il-Qorti hu li twettaq funzjonijiet limitati maħsuba biex tara li l-għemil amministrattiv ikun twettaq skond il-liġi, b'użu xieraq tas-setgħat mogħtijin lill-awtorita` li tkun mill-istess liġi, u b'mod li ma jkunx hemm u la ksur tal-jeddijiet imħarsin mill-ġustizzja naturali u lanqas twettiq abbużiv tal-istess setgħat. Bħala tali, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-Artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-Qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-għemil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-Qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-għemil amministrattiv, liema għemil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorita` pubblika li tkun;

Illi dan ir-rwol tal-Qorti ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-għemil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrattiv għandha tqis is-siwi ta' għemil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-għemil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorità kompetenti

li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorita` li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti tarġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorita` għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[28]. Jista' jkun li l-Qorti tindika lill-awtorita` pubblika li tkun li meta tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet ikunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-għemil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ;

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll b'mod iżjed partikolari f'dan il-każ fejn l-istħarriġ qiegħed jintalab li jsir fir-rigward tal-Kummissjoni li, kif inhu stabilit fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, mhijiex suġġetta għall-eżami minn ebda qorti fuq kwestjoni dwar jekk qdietx validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond l-istess Kostituzzjoni[29]. Xieraq jingħad, iżda, li l-istess Kummissjoni mhijiex għal kollox meħlusa mill-istħarriġ ġudizzjarju f'ċerti każijiet, kemm jekk l-ilmenti allegati jkunu jikkonsistu fi ksur ta' xi jedd fundamentali tal-bniedem[30], u kif ukoll "fuq livell amministrattiv" ta' stħarriġ ġudizzjarju fiċ-ċirkostanzi maħsuba fl-Artikolu 469A(1)(b)[31];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, u bla preġudizzju għal dak li ser jirriżultalha fil-mertu, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-Kummissjoni mhix tajba u għaldaqstant mhix sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi għall-**konsiderazzjonijiet tagħha fuq il-mertu** tat-talbiet attriċi u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet fil-mertu mressqa mill-Kummissjoni mħarrka;

Illi l-attur isejjes l-azzjoni kollha tiegħu fuq l-argument li l-Bord tal-għażla uża kriterji mhux ġusti u mhux skond il-liġi li wasslu biex il-kandidati li ġew fl-ewwel u fit-tieni post jingħataw marki li ma jistħoqqilhomx filwaqt li hu ma ngħatax marki fejn kien jimmeritahom. L-attur jilmenta b'aġir mhux xieraq mill-Bord waqt l-intervista, u jgħid li l-Bord ma tax każ tal-esperjenza u l-kwalifiki li hu kiseb kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Jgħid li minħabba n-nuqqasijiet li saru matul il-proċess tal-għażla, ġarrab l-effett li ma ngħatax il-ħatra li l-aktar ried;

Illi, kif ingħad qabel, il-Kummissjoni mħarrka tisħaq li l-proċess tal-għażla kien wieħed ġust u mistħoqq. Tgħid li l-kriterji li ntużaw kienu oġġettivament tajba u li l-attur ngħata għarfien fejn kien jistħoqqlu. Il-qofol tal-

---

[28] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et***

[29] Art. 115(a) tal-Kostituzzjoni

[30] Ara, b'eżempju, Kost. **21.1.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXIX.i.1**)

[31] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **27.6.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Mattocks vs Dr. Anthony Gruppetta noe et.***; App. Ċiv. **6.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivan Portelli vs Il-Prim Ministru et***; u Kost. **17.9.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Sacco vs Onor. Prim Ministru et***

azzjoni attriċi jibqa' dak li l-Qorti trid tara jekk huwiex minnu jew le li dak il-proċess kien milqut bin-nuqqasijiet li minnhom jilminta l-attur;

Illi l-attur jibni l-azzjoni tiegħu fuq dak li tgħid il-liġi fl-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher li, mill-mod kif żvolġa l-każ u mill-għamla ta' provi li tressqu, l-attur isejjes il-każ tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet tas-sub-inċiżi (ii), (iii) u (iv) tal-imsemmi sub-artikolu. Dan joħroġ ukoll mis-sottomissjonijiet tal-għeluq;

Illi l-imsemmija dispożizzjonijiet jitkellmu dwar għemil amministrattiv li fih l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tħares il-prinċipji ta' ħaqq naturali hi u twettqu, jew xi ħtiġijiet mandatorji, hi u twettaq dak l-għemil jew matul il-proċess li fih dik l-awtorita` tkun għadha qiegħda tqis kif se twettaq l-għemil innifsu. Jitkellmu wkoll dwar abbuż tas-setgħa min-naħa tal-awtorita` pubblika billi l-għemil jitwettaq għal għanijiet mhux xierqa jew fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew li, b'xi mod ieħor li jkun, imur kontra l-liġi;

Illi l-attur jorbot l-imsemmija ilmenti tiegħu ma' ksur min-naħa tal-Kummissjoni ta' dak li jippreskrivi l-*Public Service Management Code*, u b'mod partikolari l-Artikolu 1.1.7.11 tiegħu, li jispeċifika li l-kwalifiki preżentati minn applikant formanti parti mill-kriterji ta' eleġibilita` skond is-sejħa m'għandhomx jingħataw marki għalihom[32], u kemm hu hekk l-imsemmija lmenti jinġabru fil-qofol kollu tagħhom fit-tieni talba attriċi li trid li l-Kummissjoni titqies li mxiet bi ksur tal-istess liġi. Fis-sewwa, l-azzjoni attriċi ssemmi wkoll ksur tal-Artikolu 21[33] tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ħatriet u promozzjonijiet ta' uffiċjali pubbliċi għal postijiet fis-servizz pubbliku, l-imsemmija Regolamenti jagħtu lill-Kummissjoni firxa wiesgħa ta' setgħat biex bihom tħares il-proċessi ta' għażla għal uffiċjali bħal dawn jew persuni li, bħall-attur fil-kawża tallum, iridu jidħlu fis-servizz pubbliku. Waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Regolamenti u li l-Qorti jidhrilha li tgħodd ħafna għall-każ li għandha quddiemha tgħid li: "*Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew xi direttivi u linji gwida applikabbli, jew fejn il-Kummissjoni ssib li proċess tal-għażla ma sarx skont il-prinċipju tal-mertu, tista' tieħu tali azzjoni kif jidhrilha li hu xieraq bħala rimedju, inkluż: (i) is-sospensjoni jew terminazzjoni ta' proċess tal-għażla; (ii) l-ikkanċellar ta' sejħa għall-*applikazzjonijiet, u l-

[32] Nota ta' Sottomissjonjiet tal-attur f'paġ. 638 tal-proċess

[33] Art. 21 tal-Kap 497 kien jipprovdi: "*(1) Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-Att jew f'xi Att ieħor, ħatriet f'karigi pubbliċi jsiru b'għażla kompetittiva skont il-mertu. (2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, l-għażla kompetittiva skont il-mertu tfisser l-għażla tal-kandidat li jkun l-aħjar għall-kariga kif indikat minn evalwazzjoni tal-meriti individwali u relattivi tal-kandidati eliġibbli skont il-ħtiġiet tal-kariga*." Dan l-artikolu ma jidhirx li qatt ġie fis-seħħ u l-Att innifsu tħassar fl-2019 bl-Att III ta' dik is-sena (Kap 595) u ma ddaħħlitx dispożizzjoni oħra bħalha fil-liġi kif hekk mibdula

*pubblikazzjoni sussegwenti ta' sejħa riveduta b'dawk l-emendi li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi; (iii) l-annullament ta' riżultat tal-għażla; (iv) il-ħruġ ta' rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru għar-revoka ta' ħatra, suġġett għar-regolament 23(2), u (v) il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru jew lil awtoritajiet oħra kif xieraq, biex jittieħdu passi dixxiplinari jew kriminali kif jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi*"[34];

Illi l-Qorti tqis siewi wkoll li tirreferi għal regolament ieħor li jipprovdi li dwar it-tħassir ta' ħatra magħmula taħt l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, minkejja kull regolament ieħor, f'ċerti każijiet, fosthom fejn il-ħatra "manifestament ma kenitx konformi mal-prinċipju tal-mertu"[35];

Illi skond ir-Regolamenti[36], l-"*prinċipju tal-mertu*" jinftiehem bl-istess mod li kien ifissru l-Artikolu 21 tal-Att tal-2009 dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Il-Qorti tgħid minnufih li, kif tajjeb jgħidu wħud mill-imħarrkin fit-Tweġiba Maħlufa tagħhom[37], l-imsemmi Artikolu 21 qatt ma daħal fis-seħħ sakemm tħassar b'liġi oħra;

Illi minn qari tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti l-Qorti tislet il-fehmiet li ġejjin. Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni jekk tagħżilx li tieħu xi waħda mill-miżuri msemmija fir-Regolamenti jew f'liema grad. Fit-tieni lok, it-tħassir ta' riżultat ippubblikat jew it-twaqqif jew it-tħassir ta' proċess ta' għażla huma fost il-miżuri li r-Regolamenti jagħtu lill-Kummissjoni s-setgħa li tordna jew tieħu u dan tista' tagħmlu minn jeddha bla ma jkollha xi lment formali minn xiħadd jew f'xi żmien partikolari. Fit-tielet lok, ir-raġunijiet stabbiliti mir-Regolamenti li minħabba fihom jew minħabba xi waħda minnhom tista' tieħu l-imsemmija miżuri, huma (a) il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-istess Regolamenti, jew (b) il-ksur ta' direttivi jew linji-gwida dwar is-settur jew (ċ) il-ksur tal-prinċipju tal-mertu. Fir-raba' lok, il-miżuri msemmija fir-Regolament 17(e) u li l-Kummissjoni tista' tieħu ma humiex tassattivi u l-Kummissjoni tista' tagħżel li tieħu miżuri oħrajn (minħabba f'hekk li r-Regolament juża l-kelma "inkluż"). Fil-ħames lok, jidher ċar li hemm distinzjoni fir-Regolamenti nfushom bejn l-istadju tal-proċess ta' għażla meta jinħareġ ir-riżultat u l-istadju fejn il-persuna magħżula tingħata l-ħatra: li kieku ma kienx hekk, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 17 u dawk tar-Regolament 23 kienu jkunu jitkellmu dwar l-istess ħaġa, li jidher ċar li mhuwiex il-każ[38]. Għalhekk, fis-sitt lok, il-fatt li applikant ikun ġab riżultat tajjeb jew pożittiv meta jinħareġ ir-riżultat pubblikat ma jissarrafx awtomatikament fl-għoti tal-ħatra ta'

[34] Reg. 17(e) tal-A.L. 32 tal-1960
[35] Reg. 23(2)(a) tal-A.L. 32/1960
[36] Reg. 2 A.L. 32/1960
[37] Tweġiba Maħlufa tal-Ministru għall-Enerġija u Saħħa, tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, tad-Direttur Ġenerali (Riżorsi Umani) u għal kull buon fini tas-Segretarju Permanenti għall-Ministeru għall-Enerġija u Saħħu u tad-Direttur (Immaniġġar tar-Riżorsi Umani) għas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta` Soċjali f'paġ. 31 tal-proċess
[38] Ara wkoll Public Service Management Code § 1.1.10.1 u 2

uffiċjal pubbliku, u wisq anqas fl-għoti tal-ħatra b'seħħ minn dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi riżultat;

Illi dawn il-fehmiet tal-Qorti jindirizzaw xi wħud mill-argumenti tal-attur u wkoll il-premessi li fuqhom isejjes it-talbiet tiegħu. Iservu wkoll biex il-Qorti tkun tista' tqis jekk, mill-mod kif il-Kummissjoni mxiet f'dan il-każ, jistax tabilħaqq jingħad li sar ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti tqis li, f'ċirkostanza bħal din, tqum il-ħtieġa li tara jekk il-Kummissjoni u l-Bord tal-Għażla mxewx mal-attur b'mod raġonevoli. Id-dmir li awtorita` taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi *bona fide*[39]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[40]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;

Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalita` fl-għemil mistħarreġ, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorita` pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati[41];

Illi huwa stabbilit li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita` tkun imxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[42]. Dan ifisser li l-kejl tar-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[43]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabbilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[44]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

[39] Ara, per eżempju, ***R. vs Roberts, ex p. Scurr*** (**1924**) 2 K.B. 695
[40] Ara, per eżempju, ***R. vs W*** (**1971**) A.C. 682
[41] Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***
[42] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10th. Edit), pġ. 295
[43] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[44] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita` għas-Servizzi Finanzjarji***

Illi mill-provi mressqa jirriżulta li s-sejħa għall-applikazzjonijiet ma nħarġitx mill-Kummissjoni, iżda mid-Direttorat immexxi mill-imħarrek Direttur (Riżorsi Umani), u kif tixhed l-istess sejħa kif ippubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern[45];

Illi jirriżulta wkoll li l-Kummissjoni ħatret il-Bord tal-Għażla u stabbiliet il-kriterji li fuqhom il-Bord kellu jimxi waqt l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-intervisti mal-applikanti[46]. Il-ħatra tal-Bord u l-kriterji stabbiliti tressqu quddiem il-Kummissjoni li ħadet nota tagħhom[47];

Illi fost il-kriterji stabbiliti biex persuna konkorrenti setgħet tintgħażel, kien hemm dawk li l-applikant, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa, (i) kienet ċittadin ta' Malta jew ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea jew ta' xi pajjiż ieħor b'jedd li jkunu trattati ndaqs bħal ċittadini Maltin jew li jkunu ngħataw il-jedd li joqogħdu f'Malta skond il-liġi fis-seħħ; (ii) tkun taf titħaddet bil-malti u bl-ingliż, (iii) tkun reġistrata mal-Kunsill Mediku ta' Malta; (iv) ikollha c-*Certificate of Completion of Basic Specialist Training* (CCBSt) fil-qasam li applikat għalih; u (iv) tkun ta' karattru morali tajjeb[48]. Kunsiderazzjoni xierqa kellha tingħata wkoll lil dawk li, b'żieda ma' dak mitlub minnhom qabel, kellhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvat ta' *continued medical education* u tiftix[49];

Illi s-sejħa kienet teħtieġ ukoll li l-kwalifiki u l-esperjenza li applikanti jkollhom kellhom jintwerew b'ċertifikati u jew dokumentazzjoni li kopja tagħhom kellha tkun meħmuża mal-applikazzjoni[50];

Illi l-attur jilminta mill-mod kif mexa l-Bord tal-Għażla. L-ilmenti tiegħu huma tlieta: l-ewwel, il-Bord ta marka x'aktarx għolja għal kwalifika taħt il-kriterju ta' "*additional qualification*" meta, fil-fehma tal-attur, din il-marka ngħatat inutilment għaliex mingħajr din il-kwalifika l-applikanti ma setgħux ikunu eliġibbli. Dan wasal biex l-ewwel żewġ applikanti magħżula tpoġġew fuq quddiem bi ħsara għalih. It-tieni, il-persuni li ntgħażlu ma kellhomx l-esperjenza għolja ta' xogħol, lanqas ma kienu għamlu tiftix fil-qasam tal-kirurġija plastika bħall-attur. L-attur jgħid li ħadem ma' sptar barra minn Malta fil-qasam kirurġiku għal sena u għandu fil-pussess tiegħu wkoll grad ta' *Masters* f'dan il-qasam. It-tielet, il-Bord naqas li jqis l-esperjenza ta' ħidma li l-attur kien kiseb barra minn Malta, kif ukoll li jieħu konsiderazzjoni ta' tagħlim li kien kiseb minn korsijiet li attenda matul is-snin u, minflok, ġie penalizzat minħabba li ma ressaqx iċ-

[45] Ara x-xhieda ta' Chiara Borġ f'paġġ. 629 sa 630 tal-proċess u Dok. "A" f'paġġ. 7 sa 13 tal-proċess
[46] Dok "MC" f'paġġ. 504 sa 507 tal-proċess
[47] Ara x-xhieda ta' Charles Polidano f'paġ. 399 tal-proċess
[48] Par. 4.1 tas-sejħa Dok. "A", Rekwiżiti ta' eliġibilita` f'paġġ. 9 sa 12 tal-proċess
[49] Ibid par. 4.2 f'paġ. 12 tal-proċess
[50] Ibid para. 4.3 f'paġ. 12 tal-proċess

ċertifikati li juru dan mal-applikazzjoni tiegħu, minkejja li kopja tal-istess ċertifikati ħadhom miegħu waqt l-intervista;

Illi mill-qari tar-Rikors Maħluf, tax-xhieda mressqa u kif ukoll mit-trattazzjoni tal-punti legali mressqa minnu fis-sottomissjonijiet bil-mikturb, il-Qorti tqis li l-ilment ewlieni tal-attur huwa dak marbut mal-għoti u t-tqassim tal-marki mill-Bord dwar il-kwalifika ta' MRCS (*Member of the Royal College of Surgeons*). Dan jgħidu minħabba l-fatt ukoll li din il-kwalifika ġarret magħha l-aktar ammont ta' marki u li setgħet kienet ta' ħsara għall-attur fir-'*ranking*' għall-post;

Illi kif intwera aktar 'il fuq, is-sejħa kienet teżiġi li l-persuni eliġibbli għal din il-ħatra ried ikollhom fil-pussess tagħhom is-*Certificate of Completion of Basic Specialist Training* (CCBST). L-Assoċjazzjoni tal-Ispeċjalisti ta' Malta (ASM), responsabbli mit-taħriġ ta' tobba, tqis li ċ-CCBST tingħata lil *trainee* kemm-il darba biss ikun membru tar-*Royal College of Surgeons* (MRCS) jew ikun f'pussess ta' kwalifika ekwivalent[51]. L-ASM tqis l-MRCS bħala "iċ-ċavetta" biex *trainee* (tabib) javvanza fil-qasam kirurġiku, iżda mingħajrha ma jistax jkollu tali ċertifikat. Tqis ukoll li *trainee* ma jistax ikun ippremjat talli "uża ċ-ċavetta". Min-naħa l-oħra, *trainee* li jakkwista kwalifiki oħra, għandu jkun ippremjat għal kwalifika bħal dik[52];

Illi l-Bord tal-għażla jispjega li l-MRCS hija waħda mill-iskaluni li *trainee* jrid jitla' biex jista' jikseb iċ-CCBST[53]. Fil-fehma tal-Bord, il-kwalifika ta' MRCS kienet timmerita ħmistax-il marka, u dan bħala għarfien għall-ħidma għolja li *trainee* ikun wasal fiha[54]. Kemm hu hekk, il-Bord qies l-MRCS fil-livell ta' grad ta' *Masters*[55], u min kellu *Masters* lil hinn mill-MRCS, ingħata ħames marki oħra;

Illi l-mistoqsija li allura trid issir hi jekk il-Bord kienx qiegħed jimxi lil hinn mis-setgħat mogħtija lilu mil-liġi jew jekk kienx qed jimxi b'mod irraġonevoli meta fisser u ħaddem il-kriterju ċar tas-sejħa tal-applikazzjonijiet. Il-Qorti hija tal-fehma li f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwalifiki u taħriġ, għandha tagħti widen lill-ASM bħala r-regolatur fil-qasam tat-taħriġ[56]. Tqis li dan jirrifletti dak meqjus mill-*Public Service Management Code* fl-Artikolu 1.1.7.11 tiegħu, li jispeċifika li l-kwalifiki preżentati minn applikant formanti parti mill-kriterji ta' eleġibilita` skond is-sejħa m'għandhomx jingħataw marki għalihom[57]. Il-Qorti qieset ukoll li Bord tal-għażla f'sejħa oħra li mxiet flimkien ma' dik

[51] Dok. "DB1" u "DB2" f'paġġ. 293 sa 296 tal-proċess.
[52] Ara x-xhieda ta' Mr Joseph Galea f'paġ. 546 tal-proċess
[53] Ara x-xhieda ta' Ms Josephine Psaila f'paġ. 570 tal-proċess
[54] Ara x-xhieda ta' Josephine Psaila f'paġ. 572 tal-proċess
[55] Ara x-xhieda ta' Mr Joseph Briffa f'paġ. 585 tal-proċess
[56] Ara x-xhieda ta' Joseph Galea f'paġ. 545 tal-proċess
[57] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'paġ. 638 tal-proċess

mertu tal-każ tallum, mexa differenti mill-Bord odjern, u qies li ebda marka ma kellha tingħata lill-applikant għax kellu fil-pussess tiegħu MRCS meta r-rekwiżit meħtieġ fis-sejħa kien għal CCBST[58];

Illi dan iwassal biex il-Qorti tqis li l-Bord mexa b'mod żbaljat meta qies l-MRCS bħala kwalifika li timmerita marki, meta tali kwalifika hija parti minn kriterju ta' eleġibilita` li kull konkorrent ried ikollu;

Illi għar-rigward tat-tieni u t-tielet ilmenti, il-Qorti ma tarax li għandha s-setgħa tevalwa l-marki li ngħataw mill-Bord. Tqis biss li minkejja li s-sejħa tispjega x'dokumenti kellhom jitressqu mal-applikazzjoni għall-evalwazzjoni tal-Bord, fl-istess ħin, tqis ukoll bħala aġir xi ftit eċċessiv dak tal-Bord li persuna tiġi penalizzata talli dokument ma tressaqx fi stadju bikri meta seta' jitressaq fi stadju aktar tard u jiġi evalwat xorta waħda;

Illi dan kollu wkoll jirrifletti fuq l-imġiba tal-Kummissjoni. Il-Qorti tqis li l-Kummissjoni naqset fil-konfront tal-attur meta qieset l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Bord għall-ilment u l-appell imressaq mill-attur bħala ġustifikati. Naqset ukoll meta, aktar tard, laqgħet ir-riżultat tal-Bord li wassal biex l-attur ma jintgħażilx bħala *Higher Specialist Trainee* fil-qasam tal-kirurġija plastika fl-Isptar Mater Dei;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li kemm **l-ewwel** u kif ukoll **it-tieni talbiet** attriċi huma mistħoqqa u jixirqilhom jintlaqgħu;

Illi fir-rigward tat-**tielet talba** attriċi, il-Qorti jidhrilha li ma tistax tqisha għaliex dak li l-attur jitlob fiha jissarraf fit-twettiq mill-Qorti ta' funzjoni li l-liġi ma tagħtihiex f'azzjoni bħal din ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv. F'azzjoni bħal din, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara jekk l-għemil amministrattiv sarx sew u, jekk ma sarx kif messu, tħassru jew tgħid li ma jiswiex. Imma mhux xogħol tagħha li tagħmel dak li kien messu sar mill-awtorita` pubblika mistħarrġa. Għalhekk, il-Qorti se tastjeni milli tqis it-tielet talba attriċi;

Illi r-**raba' talba** attriċi hija konsegwenzjali għall-ewwel tnejn. Ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li l-Kummissjoni ma mxietx sewwa fil-proċess partikolari tal-għażla, l-effett ikun li dak l-eżerċizzju ma jiswiex u, fost il-konsegwenzi, kulma sar irid jitħassar jew isir mill-ġdid;

---

[58] Ara x-xhieda ta' Gordon Caruana Dingli f'paġġ. 539 sa 540 tal-proċess

Illi għar-rigward tat-**talbiet attriċi marbuta mad-danni**, il-Qorti tqis li d-danni li jintalbu taħt l-Artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma marbutin sfiq mar-responsabbiltà li ġġib fuqha l-awtorita` pubblika bi twettiq ta' delitt jew kważi-delitt li joħrog mill-għemil amministrattiv impunjat. Madankollu, mhux kull għemil amministrattiv li jinstab li ma sarx sewwa jwassal għall-għoti tad-danni lill-parti mġarrba. Wieħed mir-rekwiżiti mitlub fl-imsemmi sub-artikolu huwa li l-parti mġarrba trid turi li l-awtorita` mxiet magħha b'mala fidi jew inkella b'mod mhux raġonevoli. Illi fil-fehma tal-Qorti n-nuqqas imwettaq mill-Bord u mill-Kummissjoni ma kienx il-frott ta' mala fidi u lanqas ta' tħaddim irraġonevili ta' diskrezzjoni. Minn dak li ħareġ mill-provi u mill-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għamlet aktar qabel, jidher li dan kien każ fejn ir-riżultat kien żbaljat, minkejja li mhux irraġonevoli. Minbarra dan, fil-proċess tal-istess sejħa ġenerali, l-attur kien intgħażel għat-taħriġ fil-kirurġija u bl-istess kundizzjonijiet[59], u għalhekk ma weriex li huwa ġarrab danni f'dak li ġara. Kemm hu hekk fl-atti ma hemm l-ebda provi dwar dan;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li ma huwiex il-każ li tillikwida danni kif mitlub mill-attur għall-finijiet ta' din l-azzjoni speċjali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Ministru mħarrek, tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, tad-Direttur Ġenerali (Rizorsi Umani), tas-Segretarju Permanenti mħarrek u tad-Direttur (Immaniġġar tar-Riżorsi Umani) bħala mistħoqqa, issib li ma humiex il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u b'hekk teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-attur;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-Kummissjoni mħarrka u tqis li l-Qorti għandha s-setgħa li tistħarreġ it-talbiet attriċi;

**Tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet** tal-Kummissjoni mħarrka bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-ħatra mill-Kummissjoni mħarrka għal kariga ta' *Higher Specialist Trainee* fil-qasam tal-Kirurġija Plastika wara sejħa fil-Gazzetta tal-Gvern hija nulla u *ultra vires* billi saret fuq kriterji mhux ġusti;

**Tilqa' it-tieni talba attriċi** billi hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

---

[59] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami, f'paġ. 609 tal-proċess

**Tastjeni** milli tqis **it-tielet talba attriċi** billi dak li jintalab fiha jaqa' fis-setgħat esklussivi tal-awtorita` pubblika kompetenti u mhux fis-setgħat tal-Qorti;

**Tilqa' ir-raba' talba attriċi** billi hija konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet u b'hekk tħassar ir-riżultat tas-sejħa;

**Tiċħad il-bqija tat-talbiet attriċi** kemm għaliex l-attur ma ressaq l-ebda provi biex isaħħuhom u kif ukoll billi l-Qorti ma jidhrilhiex li hemm l-elementi għal-likwidazzjoni ta' danni kif irid l-Artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;u

**Tordna** lill-Kummissjoni mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża**, inkluż dawk tal-protest ġudizzjarju tat-18 ta' Settembru, 2014, ħlief dawk marbuta mal-Ministru mħarrek, Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, Direttur Ġenerali (Rizorsi Umani), Segretarju Permanenti mħarrek u Direttur (Immaniġġar tar-Riżorsi Umani), li tħarrku għalxejn, liema spejjeż għandu jħallashom l-attur. L-ispejjeż marbuta mas-sentenza preliminari tat-22 ta' April, 2015, jitħallsu kif ordnat f'dik is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**13 ta' Mejju, 2021**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**13 ta' Mejju, 2021**